Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 88/2018/1

**Nima Rabazi (KI 90000821A)**

(appellant)

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

(appellat)

30 ta' Jannar, 2020.

1. **Din il-kawża titratta ilment tal-appellant dwar l-applikazzjoni ta' Nima Rabazi għal liċenzja ta' gwardjan privat, li ġiet miċħuda mill-intimat.**

2. Permezz ta' ittra datata 11 ta' Ġunju 2018[1], il-Kummissarju tal-Pulizija għarraf lill-attur li *ai termini* tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 kienet miċħuda l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja ta' Gwardjan Privat minħabba sentenza li ngħatat kontra tiegħu fis-7 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

3. Fl-20 ta' Awwissu 2018 l-attur Nima Rabazi ippreżenta rikors fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn talbu sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-appellat.

4. Fit-12 ta' April 2019 it-Tribunal ċaħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

5. Fit-12 ta' April 2019 Rabazi appella quddiem din il-Qorti u talab għar-revoka tas-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u sabiex tordna lill-Kummissarju joħroġ il-liċenzja relattiva. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:-

[1] Dok NR1, fol 5.

(i) <u>Fl-ewwel lok</u> jilmenta li t-Tribunal naqas li jidħol fil-mertu tal-kwistjoni li qajjem dwar l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Refuġati.

(ii) <u>Fit-tieni lok</u> jgħid li ma jaqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal li l-Kummissarju kien obbligat li jirrifjuta l-liċenzja. Jenfasizza li huwa kiser il-liġi (u daħal Malta b'dokumenti foloz) għaliex kien obbligat li jagħmel hekk biex isalva ħajtu minħabba l-persekuzzjoni reliġjuża. Jaċċenna wkoll għall-fatt li l-istat ta' Malta stess sussegwentement tah *status* ta' refuġjat. Isostni li in vista ta' dan kollu d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kinitx waħda raġonevoli.

6. <u>Fit-23 ta' Mejju 2019</u> il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb biex jgħid għaliex is-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell għandu jiġi respint.

**<u>Fatti.</u>**

7. Il-fatti l-iktar rilevanti huma:

| | |
|---|---|
| 06.01.2014 | Nima Rabazi (ta' nazzjonalita` Iranjana) wasal Malta fuq titjira mit-Turkija b'passaport falz u inqabad mill-Pulizija Maltija. |
| 07.01.2014 | Nima Rabazi ammetta l-akkużi kontrih. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ikkundannatu għal seba' snin priġunerija. |
| 10.04.2014 | Nima Rabazi applika għal status ta' refuġjat mal-Kummissjoni tar-Refuġjati. |
| 16.08.2014 | Il-Kummissjoni tar-Refuġjati irrakkomandat li Nima Rabazi jinħariġlu status ta' refuġjat u għaddiet tali rakkomandazzjoni lill-Ministeru Għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali. |
| 26.04.2018 | Nima Rabazi ingħata ċertifikat ta' "Private Guard" minn "The Security Academy" wara li għamel kors ta' jumejn fir-rigward. |
| 02.05.2018 | Nima Rabazi applika għal liċenzja ta' "Gwardjan Privat" mal- |

Pulizija ta' Malta.

11.06.2018 Il-Kummissarju informa lil Nima Rabazi li l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja ta' Gwardjan Privat kienet miċħuda skont l-Artikolu 10(a)(i) (delitt kontra l-fiduċja pubblika) tal-Kap 389, u dan minħabba s-sentenza tas-7 ta' Jannar 2014.

**XIEHDA.**

8. L-attur Nima Rabazi fl-affidavit tiegħu[2] qal li kien ikkonverta għar-reliġjon nisranija u għalhekk kellu problemi mal-awtoritajiet ta' pajjiżu, l-Iran. Xehed li kien f'periklu kbir u għalhekk iddeċieda li jaħrab. Spjega li mar it-Turkija bil-passaport li kellu, iżda b'dak il-passaport ma setax jidħol f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk għamel arranġament sabiex "jixtri" passaport. Qal li dan kollu spjegah lill-awtoritajiet Maltin meta qabduh fl-ajruport ta' Malta (bil-passaport falz). Kompla jgħid li fuq parir li tawh il-pulizija huwa ammetta l-akkużi kontrih biex jevita sentenza ta' ħabs twila. Qal li ma kienx fehem l-akkużi kollha miġjuba kontrih, u lanqas ma kien fehem il-konsegwenzi ta' ammissjoni ta' ħtija għaliex ma kinux ġew spjegati lilu b'mod ċar. Ikkonferma li kien kundannat seba' xhur ta' priġunerija effettivi, kif jirriżulta mis-sentenza tas-7 ta' Jannar 2014. Qal li f'April 2018 għamel kors u akkwista ċertifikat sabiex ikun ikkwalifikat jaħdem bħala gwardjan privat, iżda meta applika mal-Pulizija ta' Malta sabiex jottjeni liċenzja biex jaħdem ta' gwardjan privat, kienet rifjutata minħabba s-sentenza.

9. L-Ispettur Sarah Magri in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, fix-xiehda tagħha tad-19 ta' Novembru 2018[3] xehdet li fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Nima Rabazi għall-liċenzja ta' gwardjan privat, huma mxew mal-fedina penali tiegħu, u irriżultalhom li kien weħel xi żmien ta' priġunerija. Qalet li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li ma tinħariġlux il-liċenzja abbażi ta' dan. Mistoqsija jekk kinitx saret komunikazzjoni mal-Kummissjoni tar-Refuġjati irrispondiet fin-

[2] Affidavit ta' Nima Rabazi, maħluf 19.11.2018, fol 33 *et seq.*
[3] Xiehda tal-ispettur Sarah Magri tad-19.11.2018, fol 39 *et seq.*

negattiv. F'xiehda ulterjuri tagħha tas-17 ta' Jannar 2019[4], qalet li fejn si tratta ta' reati simili bħal dawk kommessi minn Nima Rabazi, l-applikazzjoni dejjem tiġi rifjutata *ai termini* tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389.

10. Daniel Muscat in rappreżentanza tal-Kummissjoni tar-Refuġjati, fix-xiehda tiegħu tas-17 ta Jannar 2019[5] ikkonferma li fis-16 ta' Awwissu 2014 il-Kummissjoni irrakkomandat li Nima Rabazi tinħariġlu status ta' rifuġjat. Fuq domanda tat-Tribunal spjega li għalkemm jingħad li hija "rakkomandazzjoni" fil-fatt isejħulha deċiżjoni għaliex bir-rakkomandazzjoni huwa effettivament ikollu status ta' refuġjat, u ma jkun hemm l-ebda ħaġa oħra formali.

**Konsiderazzjonijiet.**

11. L-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (*Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Kommunita`*) jipprovdi hekk (enfażi ta' din il-qorti):

*"Il-Kummissarju **għandu jirrifjuta** applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f' Malta jew x'imkien ieħor ta' delitt kontra s-sigurta` tal-istat, jew ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjeta` aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' **xi delitt kontra l-fiduċja pubblika** jew ta' xi delitt gravi ieħor;"*

12. Ir-reati li bihom ġie akkużat u nstab ħati tagħhom l-appellant huma fost'oħrajn falsifikazzjoni ta' passaport u pussess tal-istess. Reati li jaqgħu taħt it-titolu *"Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblikat"* (art. 166 et seq. tal-Kodiċi Kriminali).

13. Għalhekk, kif osserva t-Tribunal, il-Kummissarju ma kellux diskrezzjoni dwar

[4] Xiehda tal-ispettur Sarah Magri tas-17.01.2019, fol 66 *et seq*.
[5] Xiehda ta' Daniel Muscat tas-17.01.2019, fol 54 *et seq*.

jekk jirrifjutax jew le l-applikazzjoni ta' Nima Rabazi għal liċenzja ta' gwardjan. Il-liġi hija ċara meta tistipula li l-applikazzjoni "***għandha***" tiġi rifjutata f'kull waħda miċ-ċirkostanzi elenkati minnha, fosthom ir-reat li fir-rigward tiegħu ġie misjub ħati Nima Rabazi u kkundannat għal seba' snin priġunerija. Il-liġi tirrikjedi li fejn l-applikant ikun instab ħati ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika, l-appikazzjoni għal liċenzja "***għandha"*** tkun miċħud. Kien korrett għalhekk it-Tribunal meta qal:

"*Illi filwaqt li m'hemmx dubju illi llum il-ġurnata r-rikorrent igawdi minn stat ta' refuġjat, u li ħafna drabi biex refuġjati jaslu f'pajjiż terzi jkollha jagħmlu użu minn mezzi mhux dejjem legali,* ***min-naħa l-oħra jekk il-Kummissarju intimat kellu quddiemu sejbien ta' ħtija dwar reat kontra l-fiduċja pubblika ma setax jagħmel eċċezzjoni ladarba l-liġi ma tagħmilx tali eċċezzjoni".***

14. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Jannar, 2014 hi ġudikat u t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni li jġib fix-xejn dik is-sentenza. Il-qorti żżid li fir-rigward taċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 10(a) tal-Kap. 389, il-Kummissarju tal-Pulizija ma jgawdix minn diskrezzjoni. Il-liġi timponi fuqu obbligu li jirrifjuta l-applikazzjoni jekk ikun hemm iċ-ċirkostanzi li jissemmew f'wieħed mis-sub-paragrafi (i) sa (vi) ta' dik id-disposizzjoni.

15. Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad it-tieni aggravju.

16. Issa fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li t-Tribunal naqas għal kollox li jikkunsidra l-argument li qajjem dwar l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Rifuġjati, liema artikolu jipprovdi hekk:

"*The Contracting States* ***shall not impose penalties****, on account of their illegal entry or presence, on refugees who, coming directly from a territory where their life or freedom was threatened in the sense of Article 1, enter or are present in their territory without authorisation, provided they present themselves without delay to the autorities and show good cause for their illegal entry."*

17. Jagħmel ukoll riferenza għall-kawża Ingliza li kien iċċita fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu, u cioe` dik fl-ismijiet "*R V Uxbridge Magistrates Court & Another, ex parte Admi; R v Crown Prosecution Service, ex parte Sorani; R v Secretary of State for the Home Department and Another, ex parte Kaziu*" (29th July 1999) fejn il-Qorti fl-Ingilterra irriteniet li:

> *"…that Article 31 extends not merely to those ultimately accorded refugee status but also to those claiming asylum in good faith (presumptive refugees) is not in doubt. Nor is it disputed that Article 31's protection can apply equally to those using false documents as to those (characteristically the refugees of earlier times) who enter a country clandestinely."*

18. Isostni li l-każ ta' Adimi huwa simili għall-każ tiegħu fejn kien ġie akkużat b'falsifikazzjoni ta' dokumenti biex jidħol fl-Ingilterra, bid-differenza li fil-każ ta' Adimi kien ġie invokat l-Artikolu 31, u konsegwentement il-Qorti Ingliża kienet ikkonkludiet li ma kellux ikun penalizzat minħabba d-dħul illegali, anke in vista tal-fatt li sussegwentement kien ottjena l-protezzjoni (rikonoxximent ta' refuġjat). Għalhekk argumenta li l-Artikolu 31 kellu jittieħed in konsiderazzjoni (i) kemm fil-kawża kriminali tiegħu (fejn isostni li ma kellux jiġi kkundannat) u (ii) kif ukoll fil-każ odjern (fejn isostni li l-Kummissarju kellu jilqa' l-applikazzjoni tiegħu).

19. Kwantu għall-kawża kriminali, l-appellant mhux biss qatt ma invoka l-Artikolu 31 iżda ammetta l-akkużi (anke jekk issa qed jgħid li l-konsegwenzi tal-ammissjoni ma ġewx spjegati lilu b'mod ċar). Dik id-disposizzjoni kellha semmai tkun invokata fil-proċeduri kriminali. Fi kwalunkwe każ it-Tribunal ma kienx il-forum addattat fejn ir-rikorrent jilmenta dwar il-proċeduri kriminali. Il-liġi hi li hi. Peress li l-appellant kien instab ħati ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika, il-Kummissarju kellu japplika dak li timponi fuq il-liġi fl-artikolu 10(a) tal-Kap. 389.

20. Għalhekk, għalkemm huwa minnu li t-Tribunal m'għamilx riferenza għall-argumenti ta' Nima Rebazi fis-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward tal-Artikolu 31, ma kinux ser ibidlu l-eżitu tal-kawża. Ovvjament dan ma jeskludix li l-appellant jista' jkollu rimedji oħra.

21. Għaldaqstant, tiċħad ukoll l-ewwel aggravju.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell ta' Nima Rabazi u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.